# SENA ĠDIDA

Bdejna sena ġdida u għal dan kulħadd għandu għax jiżżi ħajr lil Alla. Il-ħajja tagħna hija f'idejn Alla u kull nifs li nieħdu huwa providenza ta' Alla. Il-ħajja hija ta' Alla u l-mewt tagħna wkoll hija f'idejh. Is-sena l-ġdida hija opportunità sabiex nagħmlu programm ta' ħidmiet ġodda, sabiex mill-ġdid nibdew dak li ħallejna milli nagħmlu minħabba telqa spiritwali, telf ta' fiduċja f'xi ħadd jew anke tbegħid minn Alla.
Fis-sena l-ġdida nistgħu nieħdu xi riżoluzzjonijiet żgħar li jekk inżommuhom, ikunu ta' ġid kbir għalina.




- Kemm tagħmel ġid u kemm ikun ta' eżempju għat-tfal jekk nimpenjaw ruħna mill-ewwel jum tas-sena li niċċelebraw kif imiss Jum il-Mulej.
- Kemm nitgħallmu u nikbru fl-għerf jekk naqbdu d-drawwa li naqraw xi kotba tajbin, anke dawk tal-letteratura Maltija jew ta' xi awturi barranin tajbin.
- X'barka tiġi fuq dawk il-familji li jistgħu imma għadhom ma għażlux li jkomplu jbierku l-familja bis-sagrament taż-żwieġ.
- Tinżel barka fuq kull familja li timpenja ruħha li tħalli ftit ħin għat-talb fil-familja.
- Nippruvaw li sikwit niftħu l-Bibbja u naqraw xi siltiet minnha.

Nerġa' nagħtikom is-sena t-tajba, mimlija barkiet u ħidma, akkumpanjati mill-preżenza ta' Ġesù.

**Minn hawn infakkar lill-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof li nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar fis-7:00pm se ssir laqgħa għalihom fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku.**

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** ifakkar li nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar se jkun hemm laqgħa oħra fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: fl-4:30pm jibda Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm Quddiesa. Kulħadd huwa mistieden.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA**: tavża li nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar ser tinżamm l-Assemblea Ġenerali f'Dar Dun Franġisk Grima, Triq it-Tiġrija. Tibda fid-9:30am. Il-membri tal-Għaqda mitlubin jattendu. Grazzi.

**BEJGĦ TA' RAM U ALUMINJU:** il-ġimgħa li għaddiet inbiegħ ir-ram, il-brass u l-aluminju li ngħata lill-parroċċa. Daħħalna s-somma ta' €753. Grazzi lil kull min ikkontribwixxa.

**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** fil-ġranet li għaddew ir-rigali tas-siġra tal-karità ngħataw lill-entitajiet li għalihom ġbarna din is-sena. Il-ġbir din is-sena kien għal: Dar Arka, id-Dar tal-Providenza, Angela House u l-Caritas Parrokkjali u djoċesan. Nirringrazzjawkom minn qalbna talli ta' kull sena tkunu ġenerużi. Il-Mulej ibierek il-karità li tagħmlu mill-qalb.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am